MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1227/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**GEORGE ABELA**

**SUSAN ABELA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat ***George Abela* ta' 48 sena, bin Paul Abela u Josephine nee' Bugeja, imwieled nhar it-12 ta' Marzu 1963, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 231463M u joqghod Medina Crt. Fl.4, Triq l-Arznell Mellieha** u li l-imputata ***Susan Abela*, ta' 43 sena, bint Paul Abela u Josephine nee' Bugeja, imwielda nhar it-18 ta' Lulju 1968, detentrici ta' karta tal-identita bin-numru 359268M u toqghod 71, Nostro Sogno, Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta, jew, Fiesta Flt.5 Triq it-Trill, Mellieha**, gew akkuzati talli :

1. Fil-11 ta' Settembru 2011 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (9:30pm) fi Triq it-Trill Mellieha minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu il-hajja ta' John Bugeja u Lucy Bugeja f'periklu car, ikkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-imsemmija John Bugeja u Lucy Bugeja, jew gibtulhom disordni f'mohhhom, liema offiza hija gravi skond it-termini tal-artikolu 216(1)(a)(ii) u 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond kif iccertifika Dr. A. Mercieca MD mill-isptar Mater Dei.

2. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirtu il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, jew glied u dan ai termini tal-artikolu 338 m u 338 dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'kaz ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni hija wkoll gentilment mitluba sabiex tapplika l-aggravanti li hemm mahsuba fl-artikulu 222A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-vittmi John Bugeja u Lucy Bugeja it-tnejn huma persuni li ghalqu s-sittin sena.

F'kaz ta' htija il-Qorti qedgha wkoll gentilment tigi mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittmi billi tiehu dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet u qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tad-29 ta` Ottubru 2012 li jinsab *a folio* 78 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2012 l-imputati ddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT**;

**Ir-Rapport.**

Dahal rapport dwar argument li nqala fi Triq it-Trill, Mellieha. Kollox kien jindika li l-kwistjoni bdiet minn *leakage* ta` ilma minn saqaf ta` appartament. John Bugeja kien innota xi qtar ta` ilma gej mis-saqaf ta` appartament fi blokk ta` appartamenti bl-isem 'Fiesta Apartments'. Hu ghandu l-appartament No.1 u cempel lil ta` fuqu Raymond Zammit, li ghandu l-appartament No.2. Flimkien ghamlu xi verifiki u rrizultalhom li fil-komun kien hemm xi kisi mxarrab u meta tkisser dan il-kisi, indunaw li dan kien pipe li kien qed jaghmel l-ilma, liema pipe kien jappartjeni lill-appartament No.5. John Bugeja mar ikellem lil Sue Abela li kienet tghix gol-appartament No.5 u hija qaltlu li kienet ser tinforma lil missierha Paul Abela ghax l-appartament kien tieghu.

Aktar tard, meta John Bugeja kien fi Triq it-Trill, lemah lil Paul Abela gej u l-istess Paul Abela qallu li l-pipe ta` l-ilma kien kissirulu huwa stess meta kisser il-kisi. L-argument kien jidher wiehed verbali bejn John Bugeja u Paul Abela, it-tnejn anzjani ta` 'l fuq minn 60 sena. Waqt dan l-argument verbali jidher li intervjena iben Paul Abela, l-imputat George Abela, li aggredixxa lil John Bugeja, li bid-daqqiet waqa ma l-art. Martu, Lucy Bugeja marret biex twaqqaf lil George Abela, u kien f'dan il-mument li ressqet lejhom l-imputata Sue Abela, li

jidher li hebbet ghal Lucy Abela, li wkoll sofriet griehi. Din kienet in succint il-verzjoni tal-koppja John u Lucy Bugeja kif rizultanti mill-PIRS report.

Mill-istess rapport jirrizulta li minn naha tieghu, Paul Abela jghid li meta huwa u John Bugeja kienu qed jargumentaw, f'hin innhom John Bugeja zelaq, u x'hin kien ser jaqa, hatfu u gibdu mieghu. Minn naha tieghu George Abela jghid li meta rahhom (lil missieru Paul Abela u lil John Bugeja) imqabbdin f'xulxin, hu mar iferraqhom, u kien f'dan il-mument li Lucy Bugeja marret biex thebb ghal Paul Abela. Kien hawn li Sue Abela marret biex twaqqaf lil Lucy Bugeja milli tkompli thebb ghal missierha Paul Abela.

**Ix-Xhieda**.

John Bugeja, li nhar l-incident kien ta` 69 sena (*a folio* 27 *et seq*) jixhed, *inter alia*, li huwa gie aggredit minn George Abela, tah daqqa ta` ponn, u gie mixhut ma l-art. Imbaghad ra lil martu Lucy Bugeja ukoll ma l-art. Kien ra lil Sue Abela taghmel ghal martu.

Ix-xhud Raymond Zammit jikkonferma li kien mar fil-blokk ta` l-appartamenti biex flimkien ma John Bugeja jaraw minn fejn kienet gejja l-hsara. U jikkonferma li malli nkixef ftit il-kisi, setghu jaraw li kien hemm pipe li kien qed jaghmel l-ilma.

Lucy Bugeja, li nhar l-incident kellha 65 sena (*a folio* 47 *et seq*) tixhed, *inter alia*, li George Abela aggredixxa lil zewgha, tah daqqa ta` ponn u xehhtu ma l-art. George Abela ipprova jaghmel ghailha, izda kienet Sue Abela li effettivament ghamlet ghaliha

Xehed ukoll it-Tabib Andre Mercieca *a folio* 71 *et seq* (ara wkoll ic-certifikati medici dokumenti 4 u 5 *a folios* 20 u 21), fejn ikkonstata mhux biss feriti hfief fuq il-konjugi Bugeja, izda kkonkluda li dawn sofrew ukoll feriti gravi - *laceration* fuq l-*eyebrow* ta` John Bugeja, u Lucy Bugeja kellha kustilja miksura.

*A folio* 87 *et seq* tixhed l-imputata Sue Abela. *Inter alia*, tghid – dwar l-incident mertu ta` din il-kawza – illi hi u George kienu fuq, fl-appartament taghha, u f'hin miinhom semghu l-istorbju u l-ghajat gej minn hdejn l-entrata principali tal-blokk tal-flats. L-imputat George Abela nizel jigri u hi nizlet warajh. Rat lil George Abela jferraq lil John Bugeja u lil missierha Paul Abela (anzjan li dakinhar ta` l-incident kellu 75 sena). Rat ukoll lil Lucy Bugeja tati lil missierha fuq rasu bil-karkura, u marret u mbuttatha biex ma tibqax tati lil missierha. Tichad li George aggredixxa lil John Bugeja u tichad ukoll li hija aggrediet lil Lucy Bugeja. Tghid biss li imbuttatha.

*A folio* 101 *et seq* jixhed l-imputat George Abela. *Inter alia*, jghid illi ra lil missieru Paul Abela jigi aggredit u mar, qajjimhom u firidhom. Dik kienet l-istorja kollha. Jichad li ta daqqa ta` ponn lil John Bugeja. Jghid li ra lil Lucy Bugeja tati biz-zarbuna fuq ras missieru. Mbaghad ra lill-ohtu Sue Abela tigbed lil Lucy Bugeja.

*A folio* 106 *et seq* jixhed Paul Abela, missier l-imputati. Huwa jghid, *inter alia*, illi hu u John Bugeja qabdu jilletikaw u gew fl-idejn. Imbaghad ra lil mara ta` John Bugeja gejja bil-karkura f'idejha. Imbaghad, ibnu George Abela firidhom u bintu Sue Abela zammet lil Lucy Bugeja.

**Dokumenti.**

Apparti c-certifikati medici gia msemmija li jistabbilixxu li l-konjugi Bugeja sofrew griehi gravi, fl-atti hemm ukoll sensiela ta` ritratti ta` xi feriti sofferti mill-istess konjugi Bugeja, u hemm ukoll ic-certifikati tat-twelid taghhom ghall-konferma ta` l-eta` u cioe` li huma kellhom aktar minn 60 sena fid-data ta` l-incident mertu ta` din il-kawza.

**IKKUNSIDRAT**;

Illi l-Qorti qieset sew id-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti fl-isfond tad-dokumentazzjoni esebita u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Qieset illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile enfasizzaw fuq in-nuqqas ta` kredibilita` tal-verzjoni mressqa mid-difiza u fl-istess hin jargumentaw li l-

verzjoni da parti tal-konjugi Bugeja hija dik attendibbli u li l-Qorti ghandha toqghod fuqha. Qieset li d-difiza, minn naha l-ohra, ssostni li l-verzjoni taghha hija dik li ghandha mis-sewwa u ghalhekk l-imputati ghandhom jigu misjuba mhux hatja. Id-difiza tissottometti illi sussidjarjament, il-Qorti ghandha tilqa d-difiza tal-legittima difesa u sussidjarjament, ghandha tqis ukoll li seta kien hemm l-eccess tal-legittima difesa (dejjem fid-difiza ta` l-anzjan missierhom Paul Abela).

Wara li qieset kollox *funditus*, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat skond il-ligi. L-imputati u missierhom ma kienux konvincenti bizzejjed, almenu sal-grad tal-probabbli, biex jiskussaw il-verzjoni mressqa mill-konjugi Bugeja.U mkien mill-atti ma jirrizultaw, a sodisfazzjon tal-ligi, l-estremi tad-difizi tal-legittima difesa jew ta` l-eccess ta` l-istess difiza.

**IKKUNSIDRAT**;

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti zzomm quddiem ghajnejha illi hawn si tratta ta` aggressjoni fizika fuq l-anzjani konjugi Bugeja, mill-imputati li huma ferm izghar fl-eta`. Din kienet aggressjoni minghajr gustifikazzjoni jew skuzanti. U ma ghandhiex tigi tollerata f'socjeta` civili. Mhux sew li persuna, li taghmel ilment gustifikat minhabba hsara li kienet qed issir, tigi aggredita fizikament.

Naturalment, il-piena jew sanzjoni li ser tigi mposta b'din is-sentenza sejra wkoll tirrifletti l-kwalita` tal-vjolenza u l-kontenut tal-fedini penali rispettivi taz-zewg imputati.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 222A, 338(m), 338(dd), 383, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u tikkundanna lill-hati **George Abela** ghal piena ta` prigunerija ta` disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9,

tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; u fil-konfront tal-hatja **Susan sive Sue Abela**, peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Susan sive Sue Abela fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil George Abela, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tapplika d-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li ma saret ebda hatra ta` xi espert jew perit;

In oltre pero`, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` John Bugeja u Lucy Bugeja, l-Qorti qed torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta` elf Euro (€1000) kull wiehed u wahda minnhom, ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------